



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0395(NLE)**

**15880/23
ADD 1**

LIMITE

**ENER 634
RELEX 1374
COWEB 151
COEST 635**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15295/23 +ADD1
Suġġett:	ANNESS għall-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija (Vjenna, l-Awstrija, l-14 ta' Diċembru 2023)

Dan id-dokument jinkludi d-dokumenti mehmuża għad-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 15880/23 INIT.

ANNES

ID-DEĊIŻJONI 01/2023/MC-EnC DWAR L-ESTENSJONI TAD-DURATA TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea hija li jiġi approvat l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali dwar l-estensjoni tad-durata tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija ("ECT") għal perjodu ta' 10 snin f'konformità mal-Addendum 1 ta' dan l-Anness.

ID-DEĊIŻJONI .../2023/MC-EnC LI TEMENDA L-ARTIKOLU 2(2) TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea hija li jiġi approvat l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2023 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija li temenda l-Artikolu 2(2) tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità tal-Enerġija u Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija li temenda l-Anness I tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija biex ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea jiġi adattat għall-Komunità tal-Enerġija u adottat minnha, l-Anness I [C(2023)6183 final].

L-ATT PROĊEDURALI .../2023/MC-EnC DWAR IS-SEDE TAL-FORUM DWAR IL-GASS TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea hija li tapprova l-abbozz tal-Att Proċedurali tal-Kunsill Ministerjali dwar is-sede tal-Forum dwar il-Gass tal-Komunità tal-Enerġija f'konformità mal-Addendum 2 ta' dan l-Anness.

ID-DEĊIŻJONIJIET SKONT L-ARTIKOLU 91(1)(A) TAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA LI JISTABBILIXXU L-EŻISTENZA TA' KSUR TA' DAK IT-TRATTAT FIL-KAŻIJIET LI ĠEJJIN:

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea hija li jiġu approvati l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 91(1)(a) tal-ECT, dment li l-Kumitat Konsultattiv tal-Komunità tal-Enerġija jagħti opinjoni minn qabel fil-ħin li tappoġġa s-sejbiet tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija, li tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur f'dawn li ġejjin:

- (a) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-7/21;
- (b) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Kosovo*¹ li jikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-8/21;
- (c) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Herzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-9/21;
- (d) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Montenegro li jikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-15/21;
- (e) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Bożnija-Herzegovina li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-10/23;
- (f) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tal-Kosovo* li jikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-11/23;
- (g) Id-Deċiżjoni .../2023/MC-EnC dwar in-nuqqas tar-Repubblika tal-Moldova li tikkonforma mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija fil-Kawża ECS-12/23.

¹ Il-Kosovo (*) - Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

ADDENDUM 1 MAL-ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA 01/2023/MC-EnC dwar l-estensjoni tad-durata tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija

IL-KUNSILL MINISTERJALI TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija ("it-Trattat"), u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,

Billi t-Trattat ġie ffirmat fil-25 ta' Ottubru 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006;

Billi, skont l-Artikolu 97 tiegħu, it-Trattat ġie konkluż għal perjodu inizjali ta' 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ u jeħtieġ deċiżjoni mill-Kunsill Ministerjali għall-estensjoni tiegħu;

Billi t-Trattat diġà ġie estiż għal perjodu ta' 10 snin permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ministerjali 1/2013/MC-EnC fl-24 ta' Ottubru 2013;

Billi l-Komunità tal-Enerġija tkompli tipprovdi qafas effiċjenti għall-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tal-enerġija, li ttejjeb b'mod sinifikanti bl-adozzjoni tal-pakkett għall-integrazzjoni tas-settur tal-elettriku mill-Kunsill Ministerjali f'Diċembru 2022;

Billi l-Komunità tal-Enerġija, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' Pjan Direzzjonali għad-Dekarbonizzazzjoni u l-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa, qiegħda tevolvi f'qafas robust biex tixpruna u tappoġġa t-tranżizzjonijiet tal-enerġija u l-azzjoni klimatika tal-Partijiet Kontraenti;

Billi l-impenji li għamlu l-Partijiet għall-Komunità tal-Enerġija jmorru ferm lil hinn mill-2026;

JADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Estensjoni tad-durata tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija

Id-durata tat-Trattat hija estiża għal perjodu ta' 10 snin sat-30 ta' Ġunju 2036.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ mal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi

Għall-Kunsill Ministerjali

Il-President

ADDENDUM 2 MAL-ANNESS

L-ATT PROĊEDURALI .../2023/MC-EnC DWAR IS-SEDE TAL-FORUM DWAR IL-GASS TAL-KOMUNITÀ TAL-ENERĠIJA

Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija u b'mod partikolari l-Artikoli 66, 82 u 87 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija tad-29 ta' Ġunju 2007 li ddeterminaw li l-Forum dwar il-Gass tal-Komunità tal-Enerġija għandu jiltaqa' f'Maribor, is-Slovenja, u taw struzzjonijiet lill-Grupp Permanenti ta' Livell Għoli biex jadotta Att Proċedurali li jstabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni tiegħu,

Skont l-Artikolu 1 tal-Att Proċedurali 2007/03/2/PHLG-EnC tas-17 ta' Ottubru 2007 dwar is-sede tal-Forum tal-Gass, is-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija kellu jikkoopera dwar l-arranġamenti prattiċi għall-organizzazzjoni tal-Forum mal-awtoritajiet kompetenti Sloveni, filwaqt li jikkonsulta lill-Presidenza u lill-Viċi Presidenza,

Billi fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill Ministerjali kkonkluda li huwa mixtieq li l-Forum dwar il-Gass tal-Komunità tal-Enerġija jiltaqa' fl-Ukrajna mill-2023 'il quddiem, jew hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu, b'rikonoxximent tal-importanza tal-Ukrajna għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa, b'mod partikolari l-integrazzjoni ulterjuri tas-suq u s-sistemi tal-gass tagħha, inkluż għall-gassijiet dekarbonizzati u l-idroġenu. Il-Kunsill Ministerjali stieden lis-Segretarjat u lill-Kummissjoni Ewropea biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa għal dan il-għan,

Wara li kkunsidra l-espressjoni tas-solidarjetà mill-awtoritajiet Sloveni mal-Ukrajna u l-offerta tagħhom li jċedu l-post tal-Forum dwar il-Gass għall-benefiċċju tal-Ukrajna,

Filwaqt li qies li l-Forum dwar il-Gass ser jibda jiltaqa' fl-Ukrajna hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu u li sa dak iż-żmien, għandu jiltaqa' fi Vjenna,

Fuq proposta tas-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija,

ADOTTA DAN L-ATT PROĊEDURALI:

ARTIKOLU 1

- (1) Il-Forum dwar il-Gass tal-Komunità tal-Enerġija għandu jiġi organizzat fl-Ukrajna hekk kif il-kundizzjonijiet jippermettu. Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu vvalutati mis-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija f'kooperazzjoni mal-Presidenza u mal-Viċi Presidenza fi żmien xieraq qabel id-data prevista tal-laqgħa rispettiva tal-Forum tal-Gass.
- (2) Sakemm il-kundizzjonijiet jippermettu li l-Forum dwar il-Gass isir fl-Ukrajna, dan għandu jsir fi Vjenna, l-Awstrija.

ARTIKOLU 2

Is-Segretarjat tal-Komunità tal-Enerġija għandu jieħu l-passi meħtieġa għall-istabbiliment prattiku tal-Forum dwar il-Gass f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-Ukrajna u f'konsultazzjoni mal-Presidenza u mal-Viċi Presidenza.

ARTIKOLU 3

L-ospitant għandu jiżgura li r-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti kollha jkunu jistgħu jattendu l-laqgħat.

ARTIKOLU 4

Dan l-Att Proċedurali jidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tiegħu.

Magħmul fi Vjenna fi XXX

Għall-Kunsill Ministerjali

Il-Presidenza
